29 ta' Settembru, 1947

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Vincenza Turiglia *versus* Manwel Calleja

**Inġurja — Verità tal-Fatti — "Animus Consulendi" — Piena.**

*Min jassumi l-prova tal-verità tal-fatti inġurjużi minnu attribwiti lil ħadd ieħor, għandu jipprova dawk il-fatti fl-estensjoni tagħhom kollha kif huwa jkun attribwihom.*

*U ma jistax jiskrimina ruħu billi jgħid li huwa rriferixxa dak li sama' u li kien emmen dak li sama'; għax min jassumi dik il-prova tal-verità tal-fatti jpoġġi ruħu fil-pożizzjoni ta' akkużatur privat; u mhux biżżejjed l-istat subbjettiv tiegħu, imma hemm bżonn il-prova ċerta tal-verità obbjettiva ta' l-imputazzjonijiet li jkun għamel lill-kwerelant.*

*Mhix aċċettabili l-eċċezzjoni ta' l-"animus consulendi" meta ċ-ċirkustanzi tal-każ juru li l-kwerelat aġixxa mhux b'sempliċi sens ta' ftuħ il-għajnejn, bil-prudenza u moderazzjoni, u mingħajr ma jidħol f'dettalji; u dippjù jgħid li hu ċert minnhom u intant ma jipprovahomx.*

*Jekk il-prova tal-verità tal-fatti ma tirnexxix, il-piena kontra l-kwerelat għandha tkun akbar.*

Fuq kwerela ta' l-imsemmija Vincenza Turiglia l-imsem-

mill-Calleja gie imressaq quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta sabiex jirrispondi għall-imputazzjoni illi kien ingurjaha gravement;

Calleja ġie misjub ħati u kundannat għall-piena tal-priġunerija għal żmien sitt ijiem u għall-ħlas ta' l-ispejjeż tal-kawża;

Il-kundannat appella;

Trattat l-appell.......... din il-Qorti kkunsidrat;

Quddiem l-Ewwel Qorti l-kwerelanti tat lill-kwerelat il-fakoltà li jipprova l-verità tal-fatti minnu lilha imputati, u l-kwerelat assuma li jipprova l-verità, kif jidher mill-verbal fol. 6;

Mill-provi deher illi l-kwerelat kien qal lil żewġ il-kwerelanti, quddiem ċertu Abela, illi mart il-kwerelanti kienet marret f'lukanda l-Mellieħa ma' ċertu Duminku Caruana.....;

L-istess diskors kien qal ukoll lil Ġużeppi Caruana, ħu l-imsemmi Duminku..........;

L-imputazzjoni għalhekk hi sostanzalment li kien hemm din it-treska, bil-fatt speċifiku tal-lukanda;

Wara li qieset il-provi din il-Qorti waslet għall-konkluzjoni li l-kwerela' ma wasalx biex jagħmel il-prova li assuma tagħha r-responsabilità;

Kif jesprimu ruħhom l-awturi (ara Frola, Delle Ingiurie e Diffamazioni, pag. 160), prova simili għandha tkun "larga, piena e sicura". "The justification", jingħad fil-ġurisprudenza ingliża (Odgers, On Libel and Slander, page 181), "must be as broad as the charge and must justify the precise charge". Anzi, kif esprima ruħu ċ-Chief Justice Ingliż Tindal in "Chalmers vs. Shackell", CC. & P. at p. 478, "..........at the trial it (jiġifieri ċ-"charge") must be proved as strictly as an indictment for the offence which it imputes";

Issa l-kwerelat la pprova ċ-"charge" speċifiku tal-lukanda tal-Mellieħa u lanqas ma pprova l-"gist" ta' l-imputazzjoni, jiġifieri t treska allegata;

*Omissis;*

L-imputat qal li hu rripeta dak li sama'. Hu però ċar illi meta l-kwerelat hu ammess għall-verità tal-konviċju, allura ma jistax jiskrimina l-aġir tiegħu billi jgħid "relata retuli", u jgħid li hu emmen l-imputazzjoni; għaliex hu prinċipju dot-

trinali, mhux dubitat, illi biex l-"exceptio veritatis" tiġi assodata mhux biżżejjed għall-kwerelat — li b'dik l-eċċezzjoni jkun poġġa ruħu fil-pożizzjoni ta' akkużatur privat — l-istat subbjettiv tiegħu, imma hemm bżonn il-prova ċerta tal-verità obbjettiva tal-imputazzjoni li hu jkun għamel lill-kwerelant;

Gie anki sottomess illi l-kwerelat agixxa mhux "animo injuriandi", iżda "animo consulendi". Però lanqas din it-teżi subordinata ma hija sostenibili; għaliex iċ-ċirkustanzi juru li l-kwerelat ma kienx dak it-tali illi "amicum monuit", u jkun protett għalhekk mill-liġi f'dak li jkun qal. Hu għamel id-dikjarazzjonijiet tiegħu ngurjużi mhux biss lil żewġ il-kwerelanti waħdu, konfidenzjalment, imma quddiem Abela, apparti dak li qal lil Ġużeppi Caruana. Minbarra dan, hu ma llimitax ruħu jiftaħ għajnejn żewġ il-kwerelanti bil-prudenza u l-moderazzjoni billi jgħid ftit kemm jista', imma sprofonda ruħu f'dettalji, li dippjù qal li huwa ċert minnhom. Lanqas għandu jintnesa illi dak iż-żmien il-kwerelanti u żewġha kienu mikxurin mal-kwerelat u martu, u għalhekk ma hux verosimili l-mezz defensjonali tal-"quis amicum monuit". Hemm fil-każ preżenti kif jgħid il-Frola (idem, pag. 71), "quel tanto di livore che apporta come conseguenza l-animus injuriandi";

Kwantu għall-piena l-Imħallef sedenti ma hux tal-fehma illi għandu jkun hemm xi mitigazzjoni. Jgħid l-Odgers, a propożitu ta' l-"exceptio veritatis" :— "This is a most dangerous plea, and should never be placed on the record without careful consideration of the sufficiency of the evidence by which it is supported; for the strictest proof is required, and if it be not proved, the defendant's persistence in the charge is some evidence of malice, and will always tend to aggravate the damages given against him" (idem, pag. 636)—prinċipji nkorporati fil-Liġi Maltija art. 266 (4) Kap. 12; prinċipju, del resto, antik, kif juri t-test tad-Dritt Ruman "si illud non probaverit, solvat";

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż kollha jibqgħu għak-kariku tal-kwerelat. Onorarju tad-difensuri 12s. għal kull waħda mis-seduti tal-14 ta' April, tal-15 ta' Mejju u tal-1 ta' Settembru 1947, u 6s. għal kull waħda mis-seduti l-oħra.